MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Numru 24/2007

Il-Pulizija
(Spettur Alfred Mallia)

vs

James Green u Brian Green

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzati ta’ karta ta’ identita 645045(m) u 248571(m) rispettivament, talli fil-Floriana nhar il-21 ta’ Awissu 2006 ghal habta tal-11.30am:

1. minghajr il-hsieb li joqtlu jew li iqeghdu l-hajja ta’ Dr Edmond Zammit Laferla LL.D (i.d nru 294476m) f’perikolu car hebbew ghal istess Dr Edmond Zammit Laferla u kkagunawlu griehi ta’ natura gravi skond ma ccertifika Dr Joseph Galea MD mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana – bi ksur tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kap 9;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ John Buttigieg (i.d 83260m)nu Jean Paul Portelli (i.d 26175m) skond ma ccertifikaw Dr Louise Van Brockdorff MD ta’ l-Isptar San Luqa u Dr Joseph Galea mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana, rispettivament;
3. Brian Green wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fuq nucciali ghad-dannu ta’ Dr Edmond Zammit Laferla LL.D – bi ksur tal-Artikolu 325 (1)(b) Kap 9;
4. Brian Green akkuzat ukoll talli bl-istess cirkostanzi sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 10.10.96 u 17.04.98 li saru definittivi.

Il-Qorti mitluba li tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 ghas-sigurta ta’ Dr Edmond Zammit Laferla LL.D, John Buttigieg u Jean Pierre Portelli.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament mhux opposta mill-akkuzati;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jixlu l-akkuzati ta’ ferita gravi, feriti hfief u hsara volontarja. Dwar din l-ahhar akkuza l-hsara hi diretta specifikament fuq nuccjali.

Issa l-fatti fil-qosor li taw aditu ghal dawn l-akkuzi huma li l-akkuzati, li huma missier u iben, fil-gurnata indikata fl-akkuza, kienu marru fl-ufficjini tal-assikurazzjoni Citadel il-Floriana minhabba talba ta’ assikurazzjoni pendenti fuq vettura Mercedes, prorjeta’ tal-akkuzat Brian Green, li xhur qabel kienet involuta f’incident awtomobilistiku li fih

soffriet danni. Jidher li l-intopp fir-rigward ir-risoluzzjoni tal-pendenza kien li s-socjeta’ assikuratrici tat-terz involut fl-incident, precisament is-Citadel, kienet qed tinsisti li kawza l-incident l-vettura tal-akkuzat Brian Green ma kinitx vjabbilment tissewwa u insistiet fuq pagament ghas-saldu. L-akkuzat Brian Green kien ta’ fehma differenti u insista li l-assikurazzjoni Citadel, qua rappresentatrici tal-assikurat taghha, kellha terfa l-ispejjez kollha tat-tiswijja. Fil-gurnata in kwistjoni jirrisulta li l-akkuzati qabel ma marru l-ufficini tas-Citadel marru ghand is-sub-agenti tal-istess minn fejn intqalilhom biex jitkellmu direttament ma certu John Buttigieg tas-Citadel u cioe’ wiehed mill-kwerelanti li sofra xi griehi hfief. L-akkuzati jimputaw lil dan Buttigieg t-tort ta’ dak li issuccieda stante l-aggressivita’ li wera maghhom u r-rifjut tieghu li jkellimhom. Fuq dan li jghidu l-kwerelanti hemm mill-veru minhabba li l-incident nqala’ barra mill-ufficju ta’ dan ta’ l-ahhar li verosimilment iffaccja lill-akkuzati fl-ambjenti barra l-ufficju tieghu meta verosimilment l-akkuzati ippuntaw jidhlu fl-ufficju tieghu. Hu x’inhu l-kaz pero’ jirrisulta bhala fatt li gewwa l-ufficini tas-Citadel il-partijiet gew fl-idejn u s-sitwazzjoni iddigenerat f’ kwazi jekk mhux f’rissa. Jirrisulta bhala fatt ukoll li fit taqqtiegha li nqalet garrab feriti gravi l-avukat tas-socjeta’ assikuratrici Dr Edmond Zammit Laferla li intervjena biex jara x’kienet il-kawza tal-istorbju li kien sema mill-ufficju tieghu f’parti ohra tal-ufficini.

Dwar in-natura tal-feriti tali jinsabu deskritti (ara certifikat mediku esebit folio 23) li jikkonsistu f’ferita twila zewg centimetri fuq in-naha tax-xellug tal-qurrieqha li hadet tlett punti u ferita twila zewg centimetri fuq in-naha tax-xellug ta’ l-ghajn tax-xellug li hadet hames punti. Billi jolqtu l-wicc il-feriti huma per natura gravi. Jirrisulta li l-imsemmija feriti gew ikkagunati mill-akkuzat Brian Green li jammetti dan fl-istqarrija tieghu fejn jirrikonoxxi li f’xi hin waqt l-glieda qabad dak li irrisulta kien zokklu, xejru u laqat il-kwerelant l-Avukat Edmond Zammit Laferla f’rasu. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu b’risposta ghal wahda mid-domandi li sarulu jghid: “waqt id-dadija li kelli tajtu daqqa biha f’rasu”. Dwar in-nuccjali fl-istess stqarrija jghid: “in-nuccjali rajtu jaqa’ minn wiccu izda jien ma jidirliex li ghamilt xi hsara ohra”.

Intant huwa principju rikonoxxut li persuna hija responsabbli ghall-konsegwenzi necessarji u probabbli tal-azzjonijiet taghha mill-liema ghandu jsegwi, eskluz li dan l-akkuzat agixxa ghax-provokat jew in legittima difeza, hu ghandu jassumi r-responsabilita' tad-dannu konsegwenza tal-feriti gravi sofferti mill-avukat tas-socjeta' Citadel anchorche kienu involontarji. Dan l-akkuzat fil-fatt jistqarr li meta xejjer biz-zokklu u ma kellux l-intenzjoni specifika li jolqot lill-avukat pjutost 'tfixxkel' ghaliex ra lill-missieru imdenni. Ghalhekk l-agir tieghu hu sancibbli taht l-Artikolu 226 tal-Kap 9 liema artikolu jistultifika minhabba nuqqas ta' kwerela l-offizi hfief li l-akkuzat huwa mixli li ikkaguna fuq il-persuni imsemmija fit-tieni akkuza.

Kwindi din il-Qorti ser issib lill-akkuzat Brian Green hati tal-ewwel u t-tielet akkuza u tilliberah mit-tieni u r-raba stante li fil-konfront tat-tieni akkuza m'hemmx il-kwerela waqt li fil-konfront tar-raba l-prova hi nieqsa.

Illi fil-konfront tal-akkuzat James Green fil-kuntest tal-glieda hu jissemma biss mix-xhud John Buttigieg u 'di sfuggita' u ma jissemma mkien fil-kuntest tal-griehi li sofra l-avukat.
Ghalhekk fir-rigward dan l-akkuzat l-Qorti mhux ser issibu hati.

Rat l-Artikolu 226(b), 325(1)(b), 17(b) tal-Kap 9 u wara li qieset ic-cirkostanzi tiddecidi li tillibera lill-akkuzat Brian Green bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena fil-waqt li tiddikjara l-imputat James Green mhux hati u tilliberah minn kull akkuza u piena.

Mhux tal-fehma li taghmel ebda provediment taht l-Artikolu 383 tal-Kap 9 stante li jidher li l-kwistjoni illum tinsab quddiem il-Qrati Civili.

Spiegat lill-imputat Brian Green ir-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------